# Monumenti fil-Mosta (I)

MINN DR. GEORGE CASSAR B.A. (EDUC), M.ED., PH.D.

❑ Fit-toroq ta' belt jew raħal kultant ħin tiltaqa' ma xi monument, plakka kommemorattiva jew xi statwa li tfakkrek f'avvenimenti jew personaġġi li jkollhom xi konnessjoni ma' dak il-lokal b'mod speċjali jew ma' Malta b'mod ġenerali. Huma mezz tajjeb biex tiftakar f'sitwazzjonijiet li jkunu għaddew minnhom l-antenanti tagħna jew persuni li jkunu għamlu ġieħ lil dik is-soċjetà. Fil-Mosta dawn il-mezzi ta' tifkira m'humiex neqsin għax anki l-Mostin iridu jiftakru f'dak li għadda mingħalihom u minn għala dawk ta' qabilhom. F'din is-sensiela ser nibdew billi naraw monument li jfakkar avvenimenti importanti fil-ħajja Mostija u Maltija.


Il-Monument tal-Millenju quddiem iċ-Ċentru Ċiviku

### *Il-Munument tal-Millenju*

Biswit iċ-ċentru ċiviku tal-Mosta, ma' l-ewwel daqqa t'għajn, tara ġebla ta' ċertu kobor b'ħafna toqob fiha. Ħarsa aktar mill-viċin turik li dik hi ħaġra tal-franka, safranija, kulur l-għasel tan-naħal. Turik ukoll li dawk m'humiex toqob bl-addoċċ, jew xi toqob li spiċċaw hemm b'kumbinazzjoni. Kull toqba fiha sitt naħat u l-kompożozzjoni ġenerali hi forma ta' xehda tan-naħal. Hi propju din it-tema ta' dan il-munument, 'l-Għaqda u l-Bżulija'.

Hu l-Monument tal-Millenju li l-Mostin tellgħu biex ifakkru u jilqgħu dan it-tielet millenju, avveniment li jiġri biss, appuntu, darba kull elf sena! Il-Mosta kienet minn żmien antik magħġuna ma' l-art agrikola u l-ambjent rurali. Nafu xi bżulija trid biex tieħu ħsieb il-ħxejjex u l-frott. X'dedikazzjoni biex kuljum tara li dak li ġie miżrugħ u kkoltivat jagħti l-frott tiegħu. Il-Mostin ta' qabilna dan kienu jagħmluh u ħadmu kemm felħu għall-għixien tagħhom mill-art fertili u għammila. Mhux ta' b'xejn li l-motto tal-Mosta hu *Spes Alit Ruricolam* (It-tama twettaq il-bidwi). Tassew f'waqtu dan il-motto għax jirrifletti l-passat rurali tal-Mostin. Passat ta' bżulija u xogħol bla waqfien.

Il-Mostin kienu wkoll minn dejjem magħqudin fi ħsieb wieħed u f'direzzjoni waħda. Riedu jaraw raħalhom jikber, jespandi u jissaħħaħ. Dan deher l-aktar fil-bini tal-monument majestuż li ħa snin u snin biex jitlesta (imqar il-bini tiegħu). Ir-Rotunda tal-Mosta, iddedikata lill-Assunta, hu frott l-għaraq ta' xbin il-Mostin kollha, mill-kbar saż-żgħar. Bl-ewwel ġebal titqiegħed u titbierek fit-30 ta' Mejju 1833 u bil-ħawtiela Mostin jaħdmu anki fil-Ħdud u l-festi, biex, 27 sena wara, fl-1860, jaraw ir-riżultat ta' l-għaqda, il-bżulija u s-sens ta' direzzjoni li ħakmu lil dan il-poplu żgħir imma qalbieni.

Dan il-maqdes hekk imponenti fiċ-ċentru tal-Mosta wera l-għaqda li kien hemm qalb in-nies tal-lokal, għax bid-diżgwit ma tistax tiftiehem. Wera l-bżulija, għax bil-għażż ma ttellgħax binja hekk majestuża. Wera d-diterminazzjoni, għax bil-qtugħ ta' qalb ma tidħolx għal proġett hekk ambizzjuż, u fuq kollox, tispiċċah.

Għalhekk il-Monument tal-Millenju ma ntgħażilx bl-addoċċ. Is-sinifikat tiegħu hu dak li l-Mostin verament kienu matul iż-żmenijiet.

Hu monument ukoll li għandu jawgura għall-millenju li dħalna fih. Il-Mostin tal-lum

Għal paġna 128

*Minn paġna 127*

għandhom jispiraw ruħhom minn dawk ta' qabilhom. Għandhom jitgħallmu mill-iżbalji tagħhom u jirrepetu s-suċċessi li l-Mostin, antenati tagħhom kellhom. Ikabbru t-tajjeb u jnaqqsu l-ħażin, b'hekk poplu jimxi 'l quddiem. L-għaqda bejn il-Mostin għandha tkun il-mezz waħdieni li bih dan il-lokal jista' jkompli jżomm għoli l-ideal li jirrappreżenta dan il-monument. L-għaqda u l-bżulija. Iż-żewġ pilastri li jawguraw progress. Il-Monument tal-Millenju ġie nawgurat fis-16 ta' Settembru 2001 mis-Sindku s-Sur Joe De Martino, filwaqt li sar diskors ta' l-okkażjoni mis-Sur J.J. Camilleri.

L-iskultur ta' din l-opra hu Savio Deguara (twieled fl-1971), Mosti li beda jiżviluppa l-arti tiegħu meta daħal l-Iskola ta' l-Arti u l-Artiġġjanat Salvatore Dimech fil-Mosta stess. Kellu diġa' sittax-il sena meta skopra dan it-talent fih. Studja l-iskultura fl-injam taħt Joseph Camilleri u dik fil-ġebel taħt Angelo Agius. Kompla wkoll jespandi l-arti tiegħu taħt Joseph Casha.

Dan, meta bejn l-1988 u l-1990 attenda l-Iskola ta' l-Arti fil-Belt Valletta u tħarreġ fl-immudellar fit-tafal. Deguara segwa wkoll taħriġ fl-Italja meta attenda l-*Accademia di Belle Arti Pietro Vannucci* ta' Perugia. Hemm, bejn l-1993 u l-1997 studja x-xogħol fl-injam, fl-irħam u fil-bronż. Fl-istess waqt ħa borża ta' studju għal tliet xhur u attenda l-Università ta' Barċellona. Ikkwalifika bħala għalliem mill-Università ta' Malta meta segwa l-kors tal-P.G.C.E fl-1997.

Deguara tella' numru ta' wirjiet kemm f'Malta kif ukoll barra minn xtutna. Ix-xogħol tiegħu deher fi Sqallija, fi Brussell (Belġju) u f'Sarajevo (Bosnja Herzegovina).

***Referenzi***
***Programm fl-okkażjoni ta' 'Jum il-Mosta' u ċ-ċerimonja ta' l-Onorifiċenza 'Ġieħ il-Mosta' 16 ta' Settembru 2001.***

**Vella Estate Ltd**

JV VELLA HOLDINGS

501, MAIN STREET, MOSTA

If you wish purchase, lease, sell or part exchange your business or commercial property, we are committed to achieve the most favourable rates available today

For all enquiries contact: John Vella 9949 7573 Noel Vella 9949 5573

**Plots, Lands, Flats and Garages for Sale**

For private and development purposes
For viewing please phone: 21415606 Mob: 99497573 • Fax: 21437058